**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 149/98***

***Pulizija***
***Sp. Neil Harrison***
***v***
***Omar Portelli***

Illum 11 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali** tad-droga eroina, **Traffikar** tal-istess droga u **ksur tal-kondizzjonijiet tal-liberta' kondizzjonata** – *riferibbilment ghal 25 ta' Jannar u fl-ahhar sena qabel din id-data.*

Illi l-Qorti wara ezami tal-provi kollha migjuba hija tal-fehma li l-akkuzi dedotti kontra dan l-imputat gew sodisfacentement provati skond il-ligi.

In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi:

1. Il-**fedina penali tieghu**, li ghajr ghal-r-reat ta' Pussess Illegali (semplici) tad-droga eroina hija nadifa.

2. Id-**dipendenza tal-imputat fuq id-droga**;

3. Ix-xhieda tas-social worker dwar il-**progress enormi** li qed jghamel l-imputat rizultat ta' programm li ghamel;

4. Id-dikjarazzjoni da parti tal-prosekutur li l-imputat ghen il-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom u ghalhekk ghandu jibbenefika minn diminuzzjoni fil-piena ai termini tal-**Artikolu 29 tal-kap.101**.

5. Illi t-traffikar li rrizulta kien wiehed fuq **skala zghira hafna**.

Illi in vista tal-premess il-qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz ghandha tapplika l-piena preskritta mill-ligi fil-grad minimu taghha b' inzul ta' zewg gradi. Fir-rigward tar-reat ta' Pussess Illegali (semplici) rizultat ta' abbuz tad-droga bil-konsum, il-qorti hija tal-fehma li ghandha tpoggi lill-imputat that is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal certu tul taz-zmien.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-regolamenti 4 u 8 tal-GN 292/39 u l-Artikolu 22(2)(b)(I) tal-Kap.101; u tikkundannah fuq l-akkuzi (b) u (c) ***piena ta' prigunerija ghal zmien xahar*** – mill-liema perijodu ghandu jintaqqas iz-zmien li l-imputat kien dam mizmum that arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz; Rigward l-akkuza (a) ssibu hati wkoll, izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat that ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Carmen Nygard ghal zmien sentejn*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-kondizzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess, inkluz dak li jkompli jiehu *'counselling'* ghal problema tieghu.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat u l-portata tal-imsemmi provvediment.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***